MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-2 ta' Frar, 2011

Numru. 212/2011

Il-Pulizija
(Sp Joseph Hersey)
vs
Hussein Aliwi, iben Yahya, imwieled is-Sirja fil-25 ta’ April, 1977

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fix-xhur ta’ qabel l-24 ta’ Jannar, 2011, bħala persuna li nieżel jew telaq minn Malta, għamel jew ġagħal li jingħata xi prospet falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta’ fatti foloz lill-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjoni;
2. talli fl-istess ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, u cioe’ ‘residence permit’ numru GR0994215.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Frar, 2011 fejn il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li kien hemm zviluppi f'dan il-każ u għalhekk ma għandux provi xi jressaq.

Għaldaqstant, in vista ta' din id-dikjarazzjoni, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------